MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Numru. 293/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Alston Gambin**

Il-Qorti ;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Alston Gambin ta’ 31 sena bin Albert u Margaret nee’ Baldacchino, imwieled Pieta’ fit-23 ta’ Lulju, 1982, residenti gewwa l-fond ‘Gambin’ Triq Lapsi, Xghajra u detentur tal-karta tal-identita’ numru 397382(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar il-21 ta’ Marzu 2014 ghall-habta tas-7:00pm, gewwa Triq Lapsi, Xghajra, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, hebb ghal martu Sue Ellen Gambin u/jew persuna/i ohra, u kkagunalha griehi ta’ natura gravi skond ma ccertifika Dr. C. Plumpton MD ta’ l-iSptar Mater Dei u dan bi ksur ta’ l-artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ ghajjat u glied, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data , lok, hin u cirkostanzi, u kif ukoll fix-xhur ta’ qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer, ghamel ingurja jew theddid mhux imsemmi band’ ohra fil-Kodici Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja, b’ mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil martu Sue Ellen Gambin, u/jew persuni ohra, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u kif ukoll fix-xhur ta’ qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer, bl-imgieba tieghu kkaguna lil martu, Sue Ellen Gambin u/jew persuna/i, biza’ li ser tintuza vjolenza kontrihom, meta kien jaf jew missu kien jaf li dik l-imgieba ser tikkagunalhom biza’, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli nhar il-21 ta' Marzu, 2014 u kif ukoll matul ix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa Triq Lapsi, Xghajra, hebb ghal martu Sue Ellen Gambin u/jew persuni ohra sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(d).

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti giet mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta' Marzu 2014 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-30 t' Ottubru, 2014 ghal-ewwel u t-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li l-Parti Civili rrinunzjat ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u spjegat lil Qorti li l-imputat qed jindrizza l-problemi li ghandu permezz ta' ghajnuna personali u li llum il-gurnata huma qed jghixu flimkien u rrikonciljaw il-pendenzi ta' bejniethom. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidhrilha li ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Art. 22 tal-Kap 446.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 214, 216 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tliet (3) snin millum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------